# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-25 ta' Ġunju 2009**

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2008/20 dwar il-volum ta' muniti euro li l-Awstrija tista' toħroġ fl-2009**

***(BĊE/2009/15)***

(2009/508/KE)

Il-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 106(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999, biex japprova l-volum ta' muniti li joħorġu l-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem l-"Istati Membri parteċipanti").

(2) Fis-26 ta' Mejju 2009 l-Oesterreichische Nationalbank talab lill-BĊE li japprova żieda ta' EUR 160 miljun fil-volum ta' muniti euro li l-Awstrija tista' toħroġ fl-2009,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Żieda fil-volum tal-muniti euro**

Il-BĊE japprova ż-żieda fil-volum ta' muniti euro li l-Awstrija tista' toħroġ fl-2009.

Bħala riżultat, it-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2008/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) tinbidel b'dan li ġej:

*(EUR miljuni)*

| | "Ħruġ ta' muniti intiżi għaċ-ċirkulazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkulazzjoni) fl-2009 |
|---|---|
| Il-Belġju | 105,4 |
| Il-Ġermanja | 632,0 |
| L-Irlanda | 65,5 |
| Il-Greċja | 85,7 |
| Spanja | 390,0 |
| Franza | 252,5 |
| L-Italja | 234,3 |
| Ċipru | 22,5 |
| Il-Lussemburgu | 42,0 |
| Malta | 15,4 |
| L-Olanda | 68,5 |
| L-Awstrija | 376,0 |
| Il-Portugall | 50,0 |
| Is-Slovenja | 27,0 |
| Is-Slovakkja | 131,0 |
| Il-Finlandja | 60,0" |

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Ġunju 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

([1]) ĠU L 352, 31.12.2008, p. 58.